



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 30 ta' Settembru 2008 (16.10)
(OR.en,fr)**

13658/08

**Fajl Interistituzzjonali:
2008/0015 (COD)**

LIMITE

**ENV 622
ENER 297
IND 118
CODEC 1249**

NOTA

mimn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: delegazzjonijiet

Nru dok. preċ. 12389/08 ENV 514 ENER 251 IND 88 CODEC 1055 + ADD 1

Nru prop. Cion: 5835/08 ENV 48 ENER 27 IND 9 CODEC 103 - COM(2008) 18 finali

Suġġett: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħżin
ġeoloġiku tad-dijossidju tal-karbonju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill
85/337/KEE u 96/61/KE, kif ukoll id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE,
2004/35/KE, 2006/12/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-kompromess (l-Artikoli) tal-Presidenza dwar il-Proposta
msemmija fis-suġġett, eżaminata fil-laqgħa tal-Grupp Ambjent fid-29 ta' Settembru 2008.

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidju tal-karbonju u li temenda d-Direttivi tal-
Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE, kif ukoll id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE,
2006/12/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006**

(p.m.: premissi)

KAPITOLU 1

Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1

Artikolu 1

Suġġett u għan

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas legali għall-ħżin ġeoloġiku mingħajr ħsara għall-ambjent² tad-dijossidju tal-karbonju (minn hawn 'il quddiem "CO₂") biex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.
2. L-għan tal-ħżin ġeoloġiku mingħajr ħsara għall-ambjent tas-CO₂ huwa ż-żamma permanenti tas-CO₂ b'tali mod li jkun prevenuti u, fejn dan mhux possibbli, [...] ³ eliminati kemm jista' jkun, l-effetti negattivi [...] u kwalunkwe riskju għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem⁴.

¹ MT/DK: riżerva ta' skrutinju parlamentari.

Id-delegazzjonijiet kollha: riżervi ta' skrutinju dwar it-test ta' kompromess tal-Presidenza.

² EE/SK: tiżdied "u ħżin ta' minerali". Cion/DE/AT/NL/FI/DK: kontra din iż-żieda.

³ EL: tiħassar "kemm jista' jkun".

⁴ ES: tiżdied "jew użi leġittimi oħra taż-żona marittima".

UK/FR/NL: tiżdied "jew użi oħra tal-ispazju tal-wiċċ jew ta' taħt il-wiċċ" biex tiġi żgurata l-koerenza ma' OSPAR (+ emendi konsegwenti fl-Artikoli 3 u 4 fid-dok 7940/08 ADD 1 u 3).

Cion: riżerva dwar dawn is-suġġerimenti.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni u projbizzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ fit-territorju tal-Istati Membri, fiż-żoni ekonomiċi esklussivi tagħhom u fuq il-pjattaformi kontinentali tagħhom skont it-tifsira tal-Konvenzjoni tal-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS).
2. Din id-Direttiva m'għandhiex⁵ tapplika għall-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ li jsir għar-riċerka, l-iżvilupp jew l-ittestjar ta' prodotti jew proċessi ġodda bi ħżin totali maħsub taħt il-100 kilotunnellata⁶.
3. Il-ħżin tas-CO₂ f'sit tal-ħżin b'kumpless tal-ħżin li jestendi lil hinn miż-żona msemmija fil-paragrafu 1 m'għandux ikun permess⁷.
4. Il-ħżin tas-CO₂ fil-kolonna tal-ilma m'għandux ikun permess.

⁵ EL: jitħassar in-negattiv f'"m'għandux". Id-Direttiva għandha tapplika għar-riċerka u l-iżvilupp (R&Z) u għal proġetti ta' dimostrazzjoni biss u l-bqija ta' l-Artikoli għandhom jiġu aġġustati kif meħtieġ. Aktar tard jista' jiġi previst kamp ta' applikazzjoni usa', meta jkunu magħrufin ir-riżultati tal-fażi tad-dimostrazzjoni.

Cion/delegazzjonijiet oħra ma jappoġġawx dan l-approċċ.

⁶ NL: tiżdied (ġdida) "2a. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għall-permessi ta' ħżin imsemmija fl-Artikolu 6 li nġataw qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva". Cion tqis li dan mhux korrett, xi aspetti (per eżempju, għeluq u wara l-għeluq) ser ikunu rilevanti. Pres tipproponi li din il-kwistjoni tiġi indirizzata f'Artikolu ġdid dwar miżuri transitorji.

⁷ Ara wkoll l-inċiż il-ġdid fl-Artikolu 35a dwar il-prospetti għal CCS f'pajjiżi terzi.

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva japplikaw id-definizzjonijiet⁸ li ġejjin:

- (1) 'ħżin ġeoloġiku tas-CO₂' tfisser l-injezzjoni akkumpanjata⁹ mill-ħżin min-nixxigħat tas-CO₂ f'formazzjonijiet ġeoloġiċi taħt l-art;
- (2) 'kolonna tal-ilma' tfisser il-massa tal-ilma kontinwa vertikament mill-wiċċ sas-sedimenti tal-qiegħ ta' ilma territorjali;
- (3) 'sit tal-ħżin' tfisser żona definita f'formazzjoni ġeoloġika użata għall-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂¹⁰ u l-wiċċ assoċjat u l-faċilitajiet ta' injezzjoni;

⁸ EL, peress li tqis li l-proposta mhix restrittiva biżżejjed, tissuġġerixxi li jiġu modifikati d-definizzjonijiet dwar "ħżin ġeoloġiku", "kolonna tal-ilma", "sit tal-ħżin", "tnixxija", "kumpless tal-ħżin", "esplorazzjoni", "permess għall-esplorazzjoni", "permess għall-ħżin", "bidla sostanzjali", "għeluq", "wara l-għeluq", "netwerk tat-trasport". Tipproponi wkoll li jitħassru d-definizzjonijiet ta' "nixxieġha tas-CO₂" (sostitwita b'"nixxieġha tas-CO₂ pur") u "migrazzjoni", u li tkun iċċarata d-definizzjoni ta' "irregolarità sinifikanti". Finalment EL tissuġġerixxi li jiġu definiti "proġetti ta' dimostrazzjoni", "monitoraġġ", "verifika" u "validazzjoni" (7940/08 ADD 1).

UK tissuġġerixxi l-emenda tad-definizzjonijiet ta' "nixxieġha tas-CO₂" (7940/08 ADD 1) u "tnixxija" (b'konnessjoni mal-proċessi tal-EOR (rkupru ta' żejt imtejjeb)), "bidla sostanzjali" u "irregolarità sinifikanti" (10915/08). Cion hija kontra s-suġġerimenti fid-dok. 10915/08. Id-definizzjoni attwali ta' "sit tal-ħżin" hija suffiċjenti u tkopri t-tħassib espress minn UK dwar l-EOR.

SK tissuġġerixxi l-modifiki ta' "sit tal-ħżin", "formazzjoni ġeoloġika", "kumpless tal-ħżin", "formazzjoni tas-COs", "migrazzjoni", "miżuri korrettivi" (9555/08).

ES tissuġġerixxi li tiġi emendata d-definizzjoni ta' "nixxieġha tas-COs" u li tiżdied definizzjoni ta' "sustanzi assoċjati inċidentali" biex ikun hemm koerenza mal-kunċetti fl-OSPAR (10422/08). NL: miftuħa għas-suġġerimenti tal-aħħar filwaqt li Cion tqis li dawn huma bla bżonn minħabba li t-test huwa diġà kompatibbli mal-OSPAR.

HU (skont il-linji ssuġġeriti minn EL) titlob li jiġu emendati d-definizzjonijiet ta' "sit tal-ħżin", "tnixxija", "esplorazzjoni", "wara l-għeluq" u li titħassar id-definizzjoni ta' "formazzjoni tas-CO₂" minħabba li hija inkonsistenti ma' (15) "migrazzjoni" (10915/08).

Cion ma tappoġġax dawn is-suġġerimenti.

PL: tiżdied definizzjoni ta' "lesti għall-ġbir".

⁹ EL/MT/IE: tiżdied "mingħajr ħsara għall-ambjent".

Cion/Pres iqisu li din iż-żieda mhix adatta għal definizzjoni.

EL tissuġġerixxi ż-żieda ta' definizzjoni ta' "mingħajr ħsara għall-ambjent".

¹⁰ AT/DE/EL: riżerva dwar il-bqija ta' din is-sentenza, relatat mat-titjib tal-irkupru taż-żejt.

- (4) 'formazzjoni ġeoloġika' tfisser subdiviżjoni litostratigrafika li fiha jistgħu jinstabu u jiġu indikati strati ta' blat distinti;
- (5) 'tnixxija' tfisser kwalunkwe rilaxx tas-CO₂ mill-kumpless tal-ħżin;
- (6) 'kumpless tal-ħżin' tfisser is-sit tal-ħżin u l-oqsma ġeoloġiċi tal-madwar li jistgħu jkollhom effett fuq l-integrità u s-sigurtà ġenerali tal-ħżin (jiġifieri, formazzjonijiet tal-ħżin sekondarji);
- (7) 'esplorazzjoni' tfisser il-valutazzjoni ta' kumplessi ta' ħżin potenzjali għall-finijiet ta' ħżin tas-CO₂ ġeoloġikament permezz ta' [...] attivitajiet li jidħlu fos-sottostrat bħal [...] ¹¹ tħaffir biex tinkiseb informazzjoni ġeoloġika dwar l-istrata fil-kumpless tal-ħżin potenzjali u, kif ikun adatt, it-twettiq ta' testijiet ta' injezzjoni sabiex jiġi kkaratterizzat is-sit tal-ħżin;
- (8) 'permess għall-esplorazzjoni' tfisser deċiżjoni bil-miktub u motivata li tawtorizza l-esplorazzjoni, u li tispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom tista' tiġi attwata, maħruġa mill-awtorità kompetenti skont il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva;
- (9) 'operatur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, privata jew pubblika li topera jew tikkontrolla s-sit tal-ħżin jew lil min tkun ġiet iddelegata s-setgħa ekonomika deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku tas-sit tal-ħżin skont il-leġislazzjoni nazzjonali;
- (10) 'permess għall-ħżin' tfisser deċiżjoni (jew deċiżjonijiet) bil-miktub u motivata li tawtorizza l-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ f'sit tal-ħżin mill-operatur, u li tispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom jista' jsir, maħruġ mill-awtorità kompetenti skont il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva;

¹¹ Premessa 16 għandha tiġi emendata skont il-każ.

- (11) 'tibdil sostanzjali' tfisser kwalunkwe tibdil li mhux previst fil-permess għall-ħżin ^{o12} li jista' jkollu effetti sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem;
- (12) 'nixxieġha tas-CO₂' tfisser fluss ta' sustanzi li jirriżulta mill-proċessi tal-ġbir tad-dijossidju tal-karbonju;
- (13) 'skart' tfisser is-sustanzi definiti bħala skart f'punt (a) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2006/12/KE;
- (14) 'formazzjoni tas-CO₂' tfisser il-volum mifrux tas-CO₂ fil-formazzjoni ġeoloġika;
- (15) 'migrazzjoni' tfisser il-moviment tas-CO₂ fil-kumpless tal-ħżin;
- (16) 'irregolarità sinifikanti' tfisser kwalunkwe irregolarità fl-operazzjonijiet tal-injezzjoni jew tal-ħżin jew fil-kondizzjoni tal-kumpless tal-ħżin innifsu, li timplika r-riskju ta' tnixxija jew ir-riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem;
- (16a) 'riskju' tfisser it-taħlita tal-probabbiltà li sseħħ il-ħsara u l-kobor tal-ħsara.
- (17) 'miżuri korrettivi' tfisser kwalunkwe miżura meħuda biex jiġu korretti rregolaritajiet sinifikanti jew biex jingħalqu tnixxijiet sabiex jiġi pprevenut jew imwaqqaf ir-rilaxx tas-CO₂ mill-kumpless tal-ħżin;
- (18) 'għeluq' ta' sit tal-ħżin tfisser it-tmiem definit tal-injezzjoni tas-CO₂ f'dak is-sit tal-ħżin¹³;

¹² HU: biex ikun iċċarat li ma hemm l-ebda sovrappożizzjoni ma' "irregolaritajiet sinifikanti", "tibdil sostanzjali" għandha tfisser "kwalunkwe tibdil propost/ippjanat fid-disinn jew l-operazzjoni li jista' jkollhom ... (il-bqija ma jinbidilx)".

¹³ DE/EL: tiżdied referenza għall-issigġilarr u t-tneħħija tal-faċilitajiet ta' injezzjoni u jiġi rivedut it-test b'dan il-mod (ara d-dok. 10915/08 anki b'konnessjoni mar-rimarki dwar it-trasferiment ta' responsabbiltà). Cion: riżerva, dawn l-operazzjonijiet għandhom iseħħu wara l-għeluq, aktar tard.

- (19) 'wara l-għeluq' tfisser il-perijodu wara l-għeluq ta' sit tal-ħżin, inkluż il-perijodu ta' wara t-trasferiment tar-responsabbiltà lill-awtorità kompetenti;
- (20) 'netwerk tat-trasport' tfisser in-netwerk ta' linji tal-pajpijiet, inklużi l-istazzjonijiet tal-kompressjoni assoċjati, għat-trasport tas-CO₂ għas-sit tal-ħżin.

KAPITOLU 2

Għażla tas-sit u permessi għall-esplorazzjoni

Artikolu 4

Għażla tas-sit tal-ħżin

1. L-Istati Membri jżommu d-dritt li jiddeterminaw iż-żoni li minnhom jistgħu jintgħażlu siti tal-ħżin skont il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.¹⁴ Dan għandu jinkludi d-dritt tal-Istati Membri li ma jippermettux kwalunkwe ħżin fit-territorju kollu tagħhom jew f'partijiet minnu.
2. L-adeqwatezza ta' formazzjoni ġeoloġika għall-użu bħala sit tal-ħżin għandha tiġi ddeterminata permezz ta' karatterizzazzjoni u valutazzjoni tal-kumpless tal-ħżin potenzjali u taż-żona tal-madwar¹⁵ skont il-kriterji speċifikati fl-Anness I.
3. Formazzjoni ġeoloġika għandha tiġi magħżula biss bħala sit tal-ħżin, jekk taħt il-kondizzjonijiet tal-użu proposti ma jkun hemm l-ebda riskju sinifikanti¹⁶ ta' tnixxija, u jekk ma jeżisti l-ebda riskju sinifikanti¹⁷ għall-ambjent jew għas-saħħa.

¹⁴ AT/BG/DK jistaqsu biex tiġi speċifikata aktar li Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma jagħżilx siti tal-ħżin anki abbażi ta' elementi oħra (interess essenzjali finanzjarju u ekonomiku). Suġġerimenti għat-test għall-Artikolu 4, il-premessa 15a(ġdida) u l-Artikolu 4a(ġdid) f'9555/08.

Cion: riżerva, it-test attwali huwa suffiċjenti.

¹⁵ HU: sostituzzjoni ta' "tal-madwar" b'"potenzjalment affettwata" DE/AT: miftuħa għal dan is-suġġeriment filwaqt li Cion ma tappoġġahx, minħabba li jista' jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni.

¹⁶ EL: riżerva dwar "sinifikanti". Approċċ alternattiv issuġġerit fid-dok. 7940/08 (definizzjoni ta' "riskji sinifikanti").

HU: tiżdied referenza għall-abbiltà ta' monitoraġġ tas-sit (10915/08). Cion tqis din iż-żieda bla bżonn, ara l-Art 7(5) dwar l-applikazzjonijiet għal permessi għall-ħżin.

¹⁷ ES: tiżdied "fil-preżent jew fil-futur".

Cion: riżerva, dan huwa diġà impliċitu.

Artikolu 5

Permessi għall-esplorazzjoni

1. Fejn l-Istati Membri jiddeterminaw li hija meħtieġa esplorazzjoni biex tiġi ġġenerata l-informazzjoni meħtieġa¹⁸ għall-għażla tas-sit skont l-Artikolu 4, huma għandhom jiżguraw li l-ebda esplorazzjoni ta' din ix-xorta ma sseħħ mingħajr permess għall-esplorazzjoni¹⁹.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-esplorazzjoni jkunu miftuħa għall-entijiet kollha li jkollhom il-kapaċitajiet meħtieġa u li l-permessi jingħataw jew le abbażi ta' kriterji objettivi, ippubblikati.
3. It-tul ta' permess m'għandux jeċċedi l-perijodu meħtieġ biex titwettaq l-esplorazzjoni li għaliha dan kien ingħata. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jtawlu l-permess fejn it-tul stipulat mhuwiex biżżejjed biex timtejjem l-esplorazzjoni in kwistjoni u fejn l-esplorazzjoni twettqet skont il-permess. Permessi għall-esplorazzjoni għandhom jingħataw għal żona ta' volum limitata.
4. Id-detentur ta' permess għall-esplorazzjoni għandu jkollu l-uniku dritt li jesplora l-kumpless tal-ħżin tas-CO₂ potenzjali. [...] L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ebda użu konfliġġenti tal-kumpless ma jiġi permess matul il-perijodu ta' validità tal-permess.

¹⁸ EL: tiżdied referenza għall-ħtieġa għal "data ta' monitoraġġ għal pre-injezzjoni" hawnhekk u f'paragrafu 4a ġdid (7940/08).

IE: miftuħa għal dan is-suġġeriment.

¹⁹ UK/NL: tiżdied "jew regoli ġenerali".

KAPITOLU 3

Permessi għall-ħżin

Artikolu 6

Permessi għall-ħżin

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ebda sit tal-ħżin ma jiġi mħaddem mingħajr permess għall-ħżin u li l-ebda użu konfliġġenti ma jkun permess fuq tali sit.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri għall-ġħoti ta' permessi għall-ħżin jkunu miftuħa għall-entijiet kollha li jkollhom il-kapaċitajiet meħtieġa u li l-permessi jingħataw abbażi ta' kriterji objettivi, ppubblikati.
3. Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, għandha tingħata prijorità lill-ġħoti ta' permess għall-ħżin [...] għal sit partikolari lid-detentur ta' permess għall-esplorazzjoni [...] għal dak is-sit, dment li l-esplorazzjoni ta' dak is-sit tkun tlestiet, li kwalunkwe kondizzjoni stabbilita fil-permess għall-esplorazzjoni ġiet osservata, u li l-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin issir matul il-perijodu ta' validità²⁰ tal-permess għall-esplorazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jiġi permess l-ebda użu konfliġġenti tal-kumpless matul il-proċedura tal-permess.

Artikolu 7

Applikazzjonijiet għal permessi għall-ħżin

L-applikazzjonijiet lill-awtorità kompetenti għall-permessi għall-ħżin għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (1) l-isem u l-indirizz tal-operatur potenzjali;
- (2) il-prova tal-kompetenza teknika tal-operatur potenzjali;

²⁰ UK: il-limitu ta' żmien għandu jiġi stabbilit għal sena wara l-iskadenza tal-permess.

- (3) il-karatterizzazzjoni tas-sit u tal-kumpless tal-ħżin u valutazzjoni tas-sigurtà mistennija tal-ħżin skont l-Artikolu 4(2) u (3);

21

- (4) il-kwantità totali tas-CO₂ li għandha tiġi injettata u maħżuna kif ukoll is-sorsi prospettivi u l-metodi tat-trasport²², il-kompożizzjoni tan-nixxieġhat tas-CO₂ ir-rati u l-persjonijiet tal-injezzjoni, u l-post fejn hemm il-faċilitajiet tal-injezzjoni;
- (5) pjan ta' monitoraġġ propost skont l-Artikolu 13(2) *;
- (6) pjan ta' miżuri korrettivi propost skont l-Artikolu 16(2);
- (7) pjan proviżorju ta' wara l-għeluq propost skont l-Artikolu 17(3);
- (8) l-informazzjoni pprovduta skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 85/337/KEE;
- (9) il-prova tal-garanzija finanzjarja jew proviżjoni ekwivalenti oħra kif meħtieġ taħt l-Artikolu 19 ser tkun valida u effettiva²³ qabel tinbeda l-injezzjoni.

Artikolu 8

Kondizzjonijiet għall-permessi għall-ħżin

L-awtorità kompetenti għandha toħroġ permess għall-ħżin biss jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu:

²¹ DE/AT: tiżdied (3a) "użi konfliġġenti tas-sit u l-kumpless tal-ħżin". Cion ma tappoġġax din iż-żieda, il-lista mhix **esklussiva** u din tista' tintalab mill-awtoritajiet kompetenti jekk ikun meħtieġ.

²² IT: tħassir ta' "metodi tat-trasport" u żieda ta' referenza għall-aċċessibilità tas-sit fl-aħħar tas-sentenza (10915/08). Cion/Pres: riżerva, din l-informazzjoni tista' ma tkunx disponibbli fl-istadju tal-applikazzjoni għall-permess.

* Ara r-referenza miżjuda għal irregolaritajiet sinifikanti fl-Artikolu 13.

²³ PL: il-perijodu ta' validità għandu jiġi estiż għal stadji preċedenti, titħassar il-bqija ta' din is-sentenza.

Cion: riżerva, ma tqisx din it-talba ġustifikata.

- (1) l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li:
 - (a) il-ħtiġiet rilevanti kollha ta' din id-Direttiva ²⁴ huma sodisfatti;
 - (b) l-operatur huwa teknikament kompetenti u affidabbli biex jopera u jikkontrolla s-sit u li jkun ipprovdut żvilupp u taħriġ professjonali u tekniku tal-operatur u l-persunal kollu;
- (2) l-awtorità kompetenti kkunsidrat l-opinjoni tal-Kummissjoni, meta nħarġet tali opinjoni, dwar l-abbozz tal-permess skont l-Artikolu 10. ²⁵

Artikolu 9

Kontenut tal-permessi għall-ħżin

Il-permess għandu jinkludi mill-inqas dan li ġej:

- (1) l-isem u l-indirizz tal-operatur;
- (2) il-post u d-delimitazzjoni preċiżi tas-sit tal-ħżin u tal-kumpless tal-ħżin;
- (3) il-ħtiġiet għall-operazzjoni tal-ħżin, il-kwantità totali tas-CO₂ awtorizzata li tiġi maħżuna ġeoloġikament, il-limiti tal-perssjoni tal-ġibjun, u r-rati u l-perssjonijiet massimi ta' injezzjoni;
- (4) il-ħtiġiet għall-kompożizzjoni tan-nixxieġha tas-CO₂ u l-proċedura ta' aċċettazzjoni tas-CO₂ skont l-Artikolu 12, u, jekk ikun meħtieġ, ħtiġiet ulterjuri għall-injezzjoni u l-ħżin partikolarment biex jiġu pprevenuti rregolaritajiet sinifikanti;
- (5) il-pjan ta' monitoraġġ approvat, l-obbligu li jiġi implimentat il-pjan u l-ħtiġiet għall-aġġornament tiegħu skont l-Artikolu 13 kif ukoll il-ħtiġiet ta' rappurtar skont l-Artikolu 14;

²⁴ DE/IE/UK: tiżdied "u tal-liġi Komunitarja rilevanti".

²⁵ PT: jitħassar il-bqija ta' din is-sentenza u x-chapeau f(1) biex ikunu evitati ripetizzjonijiet.
FI/FR/NL/UK/SE/PL: tħassir tal-punt 2 (b'konnessjoni mar-riżervi dwar l-Artikoli 10 u 18 dwar il-proċedura ssuġġerita. Cion/delegazzjonijiet oħra ma jappoġġawx dan is-suġġeriment.

- (6) il-ħtieġa li tiġi nnotifikata l-awtorità kompetenti f'każ ta' irregolaritajiet sinifikanti jew tnixxijiet, il-pjan ta' miżuri korrettivi approvat u l-obbligu li jiġi implimentat il-pjan ta' miżuri korrettivi f'każ ta' irregolaritajiet sinifikanti jew tnixxijiet skont l-Artikolu 16;
- (7) il-kondizzjonijiet għall-għeluq u l-pjan proviżorju ta' wara l-għeluq approvat imsemmi fl-Artikolu 17;
- (8) id-dispożizzjonijiet dwar tibdil, reviżjoni, aġġornament u irtirar tal-permess għall-ħżin skont l-Artikolu 11;
- (9) il-ħtieġa li tiġi stabbilita u miżmuma l-garanzija finanzjarja jew kwalunkwe ekwivalenti ieħor skont l-Artikolu 19.

Artikolu 10

Reviżjoni mill-Kummissjoni tal-abbozzi tal-permessi għall-ħżin²⁶

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-abbozzi tal-permessi għall-ħżin kollha, l-applikazzjonijiet għall-permessi u kwalunkwe materjal ieħor meqjus mill-awtorità kompetenti meta tadotta l-abbozz tad-deċiżjoni tagħha. Fi żmien sitt xhur mis-sottomissjoni tagħhom lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni non-vinkolanti dwar l-abbozzi tal-permessi. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma toħroġ opinjoni, hija għandha tgħarraf lill-Istat Membru fi żmien xahar mis-sottomissjoni tal-abbozz tal-permess.
2. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika d-deċiżjoni finali lill-Kummissjoni, filwaqt li tistqarr ir-raġunijiet tagħha jekk tiddevja mill-opinjoni tal-Kummissjoni.

²⁶ UK/FR/SE/FI/NL jissuġġerixxu (dok. 7940/08 ADD2 u PL fid-dok. 12617/08 skont linji simili) informazzjoni ex-post tas-Cion fi żmien xahar mill-ħruġ ta' permess flimkien ma' opinjoni ex-ante dwar l-abbozz tal-permess jekk l-awtorità kompetenti tirrikjedi dan. Cion, appoġġata mid-delegazzjonijiet l-oħra: riżerva dwar dan is-suġġeriment. DK: miftuħa għal soluzzjonijiet immirati lejn it-tqassir tad-dewmien.

Artikolu 11

Tibdil, reviżjoni, aġġornament u rtirar tal-permessi għall-ħżin

1. L-operatur għandu jgħarraf lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe tibdil ippjanat fit-tħaddim tas-sit tal-ħżin, inkluż tibdil li jikkonċerna l-operatur. Fejn xieraq, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess għall-ħżin jew il-kondizzjonijiet tal-permess.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ebda tibdil sostanzjali ma jiġi implimentat mingħajr permess għall-ħżin ġdid jew aġġornat maħruġ f'konformità ma' din id-Direttiva.
3. L-awtorità kompetenti għandha tirrevedi u fejn meħtieġ taġġorna jew, jekk ma jistax isir mod ieħor²⁷, tirtira l-permess għall-ħżin:
 - (a) jekk tkun ġiet innotifikata jew tingibdilha l-attenzjoni b'irregolaritajiet sinifikanti jew bi tnixxijiet skont l-Artikolu 16(1); jew
 - (b) jekk ir-rapporti ppreżentati skont l-Artikolu 14 jew l-ispezzjonijiet ambjentali mwettqa skont l-Artikolu 15 juru nuqqas ta' konformità mal-kondizzjonijiet tal-permess jew riskji ta' irregolaritajiet sinifikanti jew tnixxijiet; jew
 - (c) jekk tkun konxja minn kwalunkwe nuqqas ieħor mill-operatur li jissodisfa l-kondizzjonijiet tal-permess;
 - (ca) jekk jidher li dan huwa neċessarju abbażi tal-aktar sejbiet xjentifiċi u progress teknoloġiku reċenti;
 - (d) mingħajr preġudizzju għall-punti (a) sa (ca), ħames snin wara l-ħruġ tal-permess u mbagħad kull²⁸ għaxar snin.

²⁷ ES: sostituzzjoni ta' "jekk ma jistax isir mod ieħor" b'"fejn meħtieġ".

²⁸ PL: jitħassar (d).

DE/EL/BG: sostituzzjoni ta' "għaxar snin" b'"seba' snin".

PL titlob li jkun speċifikat fix-chapeau tal-paragrafu 3 li l-awtorità kompetenti mhux ser ikollha tħallas l-ispejjeż ta' kwalunkwe tibdil mitlub għall-permess.

4. Wara li permess ikun ġie rtirat skont il-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti għandha jew toħroġ permess għall-ħżin ġdid jew tagħlaq is-sit tal-ħżin skont il-punt (c) tal-Artikolu 17(1). Sakemm jinħareġ permess għall-ħżin ġdid, l-awtorità kompetenti għandha temporanjament tassumi l-obbligi legali kollha relatati mal-kriterji ta' aċċettazzjoni, il-miżuri ta' monitoraġġ u dawk korrettivi skont il-ħtiġiet stabbiliti f'din id-Direttiva, iċ-ċediment ta' allowances²⁹ f'każijiet ta' tnixxija skont id-Direttiva 2003/87/KE u azzjoni preventiva u ta' rimedju skont l-Artikoli 5(1) u 6(1) tad-Direttiva 2004/35/KE. L-awtorità kompetenti għandha tirkupra kwalunkwe spiża magħmula mingħand l-operatur preċedenti inkluż billi tagħmel użu mill-garanzija finanzjarja msemmija fl-Artikolu 19. Fil-każ tal-għeluq tas-sit tal-ħżin skont il-punt (c) tal-Artikolu 17(1), [...] l-Artikolu 17(4) għandu japplika. [...]

²⁹ Diversi delegazzjonijiet għandhom riżerva ta' skrutinju speċifika dwar l-Artikolu 11(4) (u dwar l-Artikoli relatati 17(4) u 18 dwar it-trasferiment tar-responsabbiltà). ES/EL/LV: riżerva dwar l-inklużjoni ta' referenza għal ċediment ta' allowances mill-ETS.

KAPITOLU 4

Obbligi ta' tħaddim, għeluq u wara l-għeluq

Artikolu 12

Kriterji u proċedura għall-aċċettazzjoni ta' nixxieġha tas-CO₂

1. Nixxieġha tas-CO₂ għandha tikkonsisti kważi kompletament³⁰ f' dijossidju tal-karbonju. Għal dan il-għan, l-ebda skart jew ħaġa oħra ma jistgħu jiġu miżjuda għall-fini li dak l-iskart jew ħaġa oħra jiġu mormija. Madankollu, nixxieġha tas-CO₂ jista' jkun fiha sustanzi assoċjati inċidentali mis-sors, il-ġbir jew il-proċess tal-injezzjoni. Il-konċentrazzjonijiet ta' dawk is-sustanzi għandhom ikunu taħt il-livelli li:
 - (a) jaffettwaw ħażin l-integrità tas-sit tal-ħżin jew l-infrastruttura tat-trasport rilevanti,
 - (b) ikunu ta' riskju sinifikanti għall-ambjent jew
 - (c) jiksru l-ħtiġiet tal-leġislazzjoni Komunitarja applikabbli.
- 1a. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida bħala għajnuna għall-identifikazzjoni tal-kondizzjonijiet każ b'każ applikabbli għar-rispett tal-kriterji mniżżla fil-paragrafu 1.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta nixxieġha tas-CO₂ tiġi injettata u maħżuna:
 - (a) qabel jew fil-ħin tal-konsenja, jew tal-ewwel f' sensiela ta' konsenji, l-operatur jista' juri, permezz tad-dokumentazzjoni adatta, li n-nixxieġha tas-CO₂ in kwistjoni tista' tiġi aċċettata fis-sit skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-permess, u li tissodisfa l-kriterji tal-kompożizzjoni mniżżla fil-paragrafu 1;
 - (b) l-operatur iżomm reġistru tal-kwantitajiet u l-karatteristiċi tan-nixxieġhat tas-CO₂ konsenjati³¹ inkluża l-kompożizzjoni ta' dawk in-nixxieġhat.

³⁰ Ara wkoll l-inċiż il-ġdid fl-Artikolu 35a (2) dwar ir-reviżjoni.

³¹ NL: jitħassar il-bqija ta' din is-sentenza, din il-ħtieġa hija ta' piż kbir wisq. Cion: riżerva dwar dan is-suġġeriment.

Artikolu 13

Monitoraġġ

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur iwettaq monitoraġġ tal-faċilitajiet ta' injezzjoni, tal-kumpless tal-ħżin (inkluż fejn possibbli tal-formazzjoni tas-CO₂), u fejn ikun il-każ tal-ambjent tal-madwar bil-għan ta':
 - (a) tqabbil bejn l-imġiba reali u dik immudellata tas-CO₂ u, jekk ikun il-każ, ilma ta' formazzjoni, fis-sit tal-ħżin;³²
 - (aa) identifika ta' irregolaritajiet sinifikanti;
 - (b) skoperta ta' migrazzjoni ta' CO₂;
 - (c) skoperta ta' tnixxija ta' CO₂;
 - (d) identifika ta' effetti ta' ħsara sinifikanti għall-ambjent tal-madwar, għall-popolazzjonijiet tal-bnedmin, jew għall-utenti tal-bijosfera tal-madwar;³³
 - (e) valutazzjoni tal-effettività ta' kwalunkwe miżura korrettiva meħuda skont l-Artikolu 16;
 - (f) aġġornament tal-valutazzjoni tas-sigurtà u l-integrità tal-kumpless fil-perijodu qasir u dak fit-tul, inkluża l-valutazzjoni ta' jekk is-CO₂ maħżun ikunx miġbur kompletament u b'mod permanenti.

³² DE/EL: tiżdied "verifika tal-ammont ta' CO₂ maħżun;
UK hija kontra din il-proposta filwaqt li Cion tinnotta li dan ikun ikkalkolat mid-data tal-ETS peress li verifika diretta mhux ser tkun possibbli.

³³ DE: emenda kif ġej: skoperta tal-[...]effetti ta' ħsara għall-ambjent tal-madwar, l-ilma taċ-ċiklu idroloġiku, il-popolazzjonijiet umani, jew l-utenti tal-bijosfera tal-madwar.

2. Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq pjan ta' monitoraġġ iddisinjat mill-operatur skont il-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness II, ippreżentat lill- u approvat mill-awtorità kompetenti skont l-Artikoli 7(5) u 9(5). Il-pjan għandu jiġi aġġornat skont il-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness II u fi kwalunkwe każ kull ħames snin biex jitqies it-tibdil għar-riskju vvalutat ta' tnixxija, tibdil fir-riskji valutati għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, u l-iżviluppi tekniċi. Pjanijiet aġġornati għandhom jiġu ppreżentati mill-ġdid għall-approvazzjoni lill-awtorità kompetenti.

Artikolu 14

Rappurtar mill-operatur

Bi frekwenza li għandha tiġi ddeterminata mill-awtorità kompetenti, u fi kwalunkwe każ mill-inqas darba f' sena, l-operatur għandu jippreżenta lill-awtorità kompetenti:

- (1) ir-riżultati kollha tal-monitoraġġ skont l-Artikolu 13 fil-perijodu tar-rappurtar inkluża l-informazzjoni dwar it-teknoloġija tal-monitoraġġ użata;
- (2) il-kwantitajiet u l-karatteristiċi tan-nixxieġhat tas-CO₂ ikkonsenjat, inkluża l-kompożizzjoni ta' dawk in-nixxieġhat, fil-perijodu tar-rappurtar³⁴, irreġistrat skont il-punt (b) tal-Artikolu 12(2);
- (3) prova taż-żamma tal-garanzija finanzjarja skont l-Artikoli 19 u 9(9);
- (4) kwalunkwe informazzjoni oħra li l-awtorità kompetenti tqis rilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mal-kondizzjonijiet tal-permess u taż-żieda tal-għarfien dwar l-imġiba tas-CO₂ fis-sit tal-ħżin.

35

³⁴ ES: tiżdied "inkluża l-konċentrazzjoni ta' sustanzi assoċjati inċidentali" u tiżdied definizzjoni korrispondenti fl-Artikolu 3.

Cion tikkunsidra li din mhix meħtieġa.

³⁵ SE, appoġġata minn EL/IE/SK, tissuġġerixxi ż-żieda ta' dispożizzjoni li tipprevedi verifika indipendenti tar-rapporti. Cion tqis li d-dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjoni fl-Artikolu 15 huma suffiċjenti.

Artikolu 15

Spezzjonijiet

1. ³⁶L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jorganizzaw sistema ta' spezzjonijiet ta' rutina jew mhux ta' rutina tal-kumplessi tal-ħżin kollha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-iskopijiet ta' ċekkjar u promozzjoni tal-konformità mal-ħtiġiet tad-Direttiva u tal-monitoraġġ tal-effetti fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem.
2. L-ispezzjonijiet għandhom jinkludu attivitajiet bħal żjarat tal-istallazzjonijiet tal-wiċċ, inkluż il-faċilitajiet ta' injezzjoni, il-valutazzjoni tal-operazzjonijiet ta' injezzjoni u monitoraġġ imwettqa mill-operatur, u l-kontroll tar-reġistri rilevanti kollha miżmuma mill-operatur.
3. L-ispezzjonijiet ta' rutina għandhom jitwettqu mill-inqas darba fis-sena sa tliet snin wara l-għeluq u kull ħames snin sakemm iseħħ it-trasferiment tar-responsabbiltà lill-awtorità kompetenti. Dawn għandhom jeżaminaw il-faċilitajiet ta' injezzjoni u ta' monitoraġġ rilevanti kif ukoll il-firxa sħiħa tal-effetti rilevanti mill-kumpless tal-ħżin fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem.
4. Spezzjonijiet mhux ta' rutina għandhom jitwettqu:
 - (a) jekk l-awtorità kompetenti tkun ġiet innotifikata u ngibditilha l-attenzjoni bi tnixxijiet jew irregolaritajiet sinifikanti skont l-Artikolu 16(1);
 - (b) jekk ir-rapporti skont l-Artikolu 14 ikunu wrew konformità mhux suffiċjenti mal-kondizzjonijiet tal-permess;
 - (c) biex jiġu investigati lmenti serji relatati mal-ambjent jew mas-saħħa tal-bniedem;
 - (d) f' sitwazzjonijiet oħra fejn l-awtorità kompetenti tqis dan xieraq.

³⁶ NL: tiżdied "B'kont meħud tal-Komunikazzjoni dwar ir-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni 2001/331/KE li tipprevedi kriterji minimi għall-ispezzjonijiet ambjentali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw (il-bqija ma jinbidilx)"
IE/DE: miftuħa għal dan is-suġġeriment.

5. Wara kull spezzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tfejji rapport dwar ir-riżultati tal-ispezzjoni. Ir-rapport għandu jevalwa l-konformità mal-ħtiġiet tad-Direttiva u jindika jekk hijiex meħtieġa azzjoni oħra jew le. Ir-rapport għandu jiġi kkomunikat lill-operatur ikkonċernat u għandu jkun disponibbli pubblikament f'konformità mal-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti fi żmien xahrejn mill-ispezzjoni.

Artikolu 16

Miżuri f'każ ta' rregolaritajiet sinifikanti jew tnixxijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'każ ta' rregolaritajiet sinifikanti jew tnixxijiet, l-operatur jinnotifika immedjatament lill-awtorità kompetenti,³⁷ u jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa. Fil-każijiet ta' tnixxijiet u rregolaritajiet sinifikanti li jimplikaw ir-riskju ta' tnixxija, l-operatur għandu jinnotifika wkoll [...] lill-awtorità kompetenti skont id-Direttiva 2003/87/KE [...].
2. Il-miżuri korrettivi msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jittieħdu bħala minimu abbażi ta' pjan ta' miżuri korrettivi ppreżentat lill- u approvat mill-awtorità kompetenti skont l-Artikoli 7(6) u 9(6);
3. L-awtorità kompetenti tista' fi kwalunkwe ħin titlob lill-operatur biex jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa. Dawn jistgħu jkunu addizzjonali għal jew differenti minn daww stabbiliti fil-pjan ta' miżuri korrettivi. Hija tista' wkoll fi kwalunkwe ħin tieħu miżuri korrettivi hija stess.³⁸
4. Jekk l-operatur jonqos milli jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa hija stess.³⁹

³⁷ UK: sostituzzjoni tal-bqija tas-sentenza b'"u jieħu miżuri korrettivi fejn meħtieġ".

³⁸ EL: riżerva. Din tgħaddi r-responsabbiltà lill-awtorità kompetenti.
IT: l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni f'każ ta' ħsara jew tnixxijiet biss. UK: għandha tittieħed azzjoni biss fil-każ ta' ħsara tal-operatur.

³⁹ BG: tizzied il-possibbiltà li dan l-obbligu jgħaddi lil persuna oħra fiżika jew ġuridika (7940/08 ADD 5).

SK tikkunsidra li t-test jista' ma jkunx konsistenti mal-Artikolu 11(3).

- 4a. L-awtorità kompetenti għandha tirkupra l-ispejjeż magħmula fir-rigward tal-miżuri msemmija fil-paragrafi 3 u 4 mill-operatur inkluż bl-użu tal-garanzija finanzjarja skont l-Artikolu 19.

Artikolu 17

Obbligi tal-għeluq u ta' wara l-għeluq

1. Sit tal-ħżin għandu jingħalaq:
 - (a) jekk il-kondizzjonijiet rilevanti ddikjarati fil-permess intlaħqu;
 - (b) fuq talba dokumentata tal-operatur, wara l-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti; jew
 - (c) jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi hekk wara l-irtirar ta' permess għall-ħżin skont l-Artikolu 11(3).
2. Wara li sit tal-ħżin ikun ingħalaq skont il-paragrafu 1 punti (a) jew (b), l-operatur jibqa' responsabbli għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-miżuri korrettivi, skont il-ħtiġiet stabbiliti f'din id-Direttiva kif ukoll għall-obbligi kollha relatati maċ-ċediment tal-allowances f'każ ta' tnixxijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE u azzjonijiet preventivi u ta' rimedju skont l-Artikoli 5 sa 8 tad-Direttiva 2004/35/KE sakemm ir-responsabbiltà għas-sit tal-ħżin tiġi trasferita lill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 18(1) sa (4). L-operatur għandu wkoll ikun responsabbli għall-issiġillar tas-sit tal-ħżin u t-tneħħija tal-faċilitajiet ta' injezzjoni.

3. L-obbligi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu sodisfatti abbażi ta' pjan ta' wara l-għeluq imfassal mill-operatur ibbażat fuq l-aħjar prattika u f'konformità mal-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness II. Pjan proviżorju ta' wara l-għeluq għandu jiġi ppreżentat lill- u approvat mill-awtorità kompetenti skont l-Artikoli 7(7) u 9(7). Qabel l-għeluq ta' sit tal-ħżin skont il-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 1, il-pjan proviżorju ta' wara l-għeluq għandu jkun:
- (a) aġġornat kif meħtieġ, b'mod partikolari minħabba l-aħjar prattika;
 - (b) ippreżentat lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni tagħha; u
 - (c) approvat mill-awtorità kompetenti bħala l-pjan ta' wara l-għeluq definitiv.
4. Wara li sit tal-ħżin ikun ingħalaq skont il-paragrafu 1 punt (c), l-awtorità kompetenti għandha [...] tkun responsabbli għall-monitoraġġ u l-miżuri korrettivi skont il-ħtiġiet stabbiliti f'din id-Direttiva kif ukoll għall-obbligi kollha relatti maċ-ċediment tal-allowances fil-każ ta' tnixxija skont id-Direttiva 2003/87/KE u azzjoni preventiva u ta' rimedju skont l-Artikolu 5(1) [...] u 6(1) tad-Direttiva 2004/35/KE. Il-ħtiġiet ta' wara l-għeluq skont din id-Direttiva għandhom ikunu sodisfatti mill-awtorità kompetenti abbażi tal-pjan proviżorju ta' wara l-għeluq [...] imsemmi fl-Artikolu 17(3), li għandu jkun aġġornat kif meħtieġ.
- 4a. L-awtorità kompetenti għandha tirkupra l-ispejjeż magħmulin fir-rigward tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 4 mingħand l-operatur inkluż bl-użu tal-garanzija finanzjarja skont l-Artikolu 19.

Artikolu 18

Trasferiment tar-responsabbiltà

1. Fejn sit tal-ħżin ingħalaq skont il-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 17(1), l-obbligi legali kollha relatati mal-monitoraġġ u l-miżuri korrettivi skont il-ħtiġiet imniżżla f'din id-Direttiva, iċ-ċediment tal-allowances f'każijiet ta' tnixxija skont id-Direttiva 2003/87/KE u azzjoni preventiva u ta' rimedju skont l-Artikoli 5(1) [...] u 6(1) tad-Direttiva 2004/35/KE, għandhom jiġu trasferiti lill-awtorità kompetenti fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba mill-operatur, jekk [...] il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:
 - (a) [...] l-evidenza disponibbli⁴⁰ kollha tindika li s-CO₂ maħżun ser ikun miġbur kompletament u b'mod permanenti;
 - (b) perijodu minimu wara l-għeluq tas-sit li għandu jiġi determinat fil-livell nazzjonali jkun għadda;
 - (c) l-obbligi finanzjarji msemmija fl-Artikolu 19a jkunu ġew sodisfatti;
 - (d) is-sit ġie ssiġġilat u l-faċilitajiet ta' injezzjoni tneħħew.
- 1a. [...] L-operatur għandu jħejji rapport li jiddokumenta li l-kondizzjoni msemmija fil-paragrafu 1(a) [...] ġiet sodisfatti u jippreżentah lill-awtorità kompetenti sabiex din tal-aħħar tapprova t-trasferiment tar-responsabbiltà.⁴¹ Dan ir-rapport għandu jkun fih, mill-inqas:
 - (a) il-konformità bejn l-imġiba attwali tas- CO₂ injettat u l-imġiba mmuddellata,
 - (b) in-nuqqas ta' kwalunkwe tnixxija misjuba;
 - (c) li s-sit tal-ħżin [...] qed jevolvi lejn sitwazzjoni ta' stabbiltà għall-perijodu fit-tul.

⁴⁰ ES: titħassar "disponibbli". Barra minn hekk, din id-delegazzjoni tqis li l-premessa 26a(ġdida) dwar responsabbiltajiet oħra toħloq konfużjoni u tissuġġerixxi t-tħassir tagħha.

⁴¹ UK tissuġġerixxi emendi (9836/08) immirati lejn iż-żieda taċ-ċarezza dwar meta l-permess jiġi rtirat u t-tħassir tad-dispożizzjonijiet dwar opinjoni preċedenti tal-Kummissjoni dwar l-abbozz tad-deċiżjoni. FR/NL/FI/SE/PL jaqblu mas-suġġeriment tal-aħħar (b'konnessjoni mar-riżervi dwar l-Artikoli 8(2) u 10). Cion: riżerva, dwar l-ewwel parti wkoll, li tista' twassal għat-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-elementi (a) sa (c), filwaqt li tenfasizza fihom kwalunkwe implikazzjoni għall-kriterji tekniċi rilevanti għad-determinazzjoni tal-perjodi minimi msemmija fil-paragrafu 1 (b).

- 1b. [...] Meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatt li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1°(a) u (b) ikunu sodisfatti, [...] hija għandha tħejji abbozz ta' deċiżjoni ta' approvazzjoni tat-trasferiment tar-responsabbiltà. L-abbozz tad-deċiżjoni għandu jispeċifika l-metodu għad-determinazzjoni li l-kondizzjoni msemmija fil-paragrafu 1(d) tkun ġiet sodisfatti kif ukoll kwalunkwe hteġġa aġġornata għall-issiġġillar tas-sit tal-ħżin u għat-tneħħija tal-faċilitajiet ta' injezzjoni.

Jekk l-awtorità kompetenti tqis li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a) u (b) mhumiex sodisfatti, hija għandha tinforma lill-operatur bir-raġunijiet tagħha [...]

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-abbozzi kollha tad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni mħejjija mill-awtorità kompetenti skont il-paragrafu 1b, inklużi r-rapporti ppreżentati mill-operatur u kwalunkwe materjal ieħor meqjus mill-awtorità kompetenti biex tasal għall-konklużjoni tagħha. Fi żmien sitt xhur mis-sottomissjoni tagħhom lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni dwar l-abbozzi tad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma toħroġx opinjoni, hija għandha tgħarraf lill-Istat Membru fi żmien xahar mis-sottomissjoni tal-abbozz tad-deċiżjoni.
3. [...] Meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatt li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1°(a) u (d) ikunu sodisfatti, hija għandha tadotta d-deċiżjoni finali u tinnotifika dik id-deċiżjoni lill-operatur. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika wkoll lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni finali tagħha, filwaqt li tiddikjara r-raġunijiet jekk tiddevja mill-opinjoni tal-Kummissjoni.
4. [...]

4a [...]

5. Wara t-trasferiment tar-responsabbiltà, l-ispezzjonijiet ta' rutina previsti fl-Artikolu 15(3) għandhom jieqfu u l-monitoraġġ jista' jitnaqqas għal livell li jippermetti l-identifikazzjoni ta' tnixxiji jew irregolaritajiet sinifikanti⁴². Jekk jiġu identifikati kwalunkwe tnixxijiet jew irregolaritajiet sinifikanti, il-monitoraġġ għandu jiġi intensifikat kif meħtieġ biex jevalwa l-kobor tal-problema u l-effettività ta' miżuri korrettivi.
6. [...] F'każijiet fejn kien hemm tort tal-operatur⁴³, inklużi każijiet ta' data mhix tajba biżżejjed, ħabi ta' informazzjoni rilevanti, negliġenza, ingann intenzjonat jew prattika ħażina, l-awtorità kompetenti għandha tirkupra mill-operatur preċedenti l-ispejjeż li jkunu saru wara li jkun seħħ it-trasferiment tar-responsabbiltà. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19a, ma għandu jkun hemm l-ebda rkupru ieħor ta' spejjeż wara t-trasferiment tar-responsabbiltà.
7. Fejn sit tal-ħżin ingħalaq skont il-punt (c) tal-Artikolu 17(1), [...] il-paragrafi 5 u 6 għandhom japplikaw meta l-evidenza disponibbli kollha tindika li s-CO₂ maħżun ser ikun miġbur kompletament u b'mod permanenti, u wara li s-sit ikun ġie ssiġillat u l-faċilitajiet ta' injezzjoni jkunu tneħħew.

⁴² Cion: riżerva. Il-monitoraġġ huwa previst taħt id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u liġi oħra ta' l-UE. L-ispejjeż għall-monitoraġġ mhux ser ikunu koperti mill-operatur u l-garanzija finanzjarja.

⁴³ EL tqis li l-piż tal-provi m'għandux jaqa' fuq l-awtorità kompetenti.

Artikolu 19

Garanzija finanzjarja sat-trasferiment tar-responsabbiltà

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li evidenza li li jistgħu jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet adegwati, permezz ta' garanzija finanzjarja jew kwalunkwe mezz ekwivalenti ieħor, abbażi ta' modalitajiet li għandhom jiġu deċiżi mill-Istati Membri, tiġi ppreżentata mill-applikant bħala parti mill-applikazzjoni għall-permess għall-ħżin biex jiġi żgurat li l-obbligi kollha li jirriżultaw taħt il-permess maħruġ skont din id-Direttiva, inklużi proċeduri tal-għeluq u dispożizzjonijiet ta' wara l-għeluq, kif ukoll kwalunkwe obbligu li jirriżulta mill-inklużjoni taħt id-Direttiva 2003/87/KE jista' jintlaħaq. Din il-garanzija finanzjarja għandha tkun valida u effettiva qabel tinbeda l-injezzjoni.
 - 1a. Il-garanzija finanzjarja għandha tiġi aġġustata perjodikament biex jittieħed kont tat-tibdil⁴⁴ għar-riskju valutat ta' tnixxija u l-ispejjeż stmati.
2. Il-garanzija finanzjarja jew kwalunkwe mezz ekwivalenti ieħor imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jibqgħu validi u effettivi:
 - (a) wara li sit tal-ħżin jkun ingħalaq skont l-Artikolu 17 il-paragrafu 1 punti (a) jew (b), sakemm ir-responsabbiltà għas-sit tal-ħżin tiġi ttrasferita lill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 18(1) sa (4);
 - (b) wara l-irtirar ta' permess għall-ħżin skont l-Artikolu 11(3):
 - (i) sakemm jinħareġ permess għall-ħżin ġdid;
 - (ii) fejn is-sit jingħalaq skont l-Artikolu 17 paragrafu 1 punt (c), sakemm it-trasferiment tar-responsabbiltà jitqies li seħħ skont l-Artikolu 18(4a).

⁴⁴ IT tqis li l-kriterji biex wieħed jipproċedi bl-aġġustamenti perjodiċi għandhom ikunu ċċarati aktar.

Artikolu 19a

Kontribuzzjoni finanzjarja għall-azzjonijiet wara t-trasferiment tar-responsabbiltà

1. L-operatur għandu jqiegħed kontribuzzjoni finanzjarja għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti qabel ma tittieħed id-deċiżjoni dwar it-trasferiment tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 18(3). Din il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tintuża biex tkopri l-ispejjeż tal-azzjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti wara t-trasferiment tar-responsabbiltà sabiex ikun żgurat li s-CO₂ jinżamm b'mod permanenti u mingħajr periklu. Il-kontribuzzjoni mill-operatur għandha tkopri mill-inqas l-ispiża tal-monitoraġġ għal perijodu ta' 30 sena.
2. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida għall-kalkolu tal-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu^o1.

KAPITOLU 5

Aċċess għall-parti terzi

Artikolu 20

Aċċess għan-netwerk tat-trasport u għas-siti tal-ħżin

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-utenti potenzjali jkunu jistgħu jiksbu aċċess għan-netwerks tat-trasport u għas-siti tal-ħżin tas-CO₂ għall-finijiet ta' ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ prodott u miġbur, f'konformità mal-paragrafi 2 sa 4.⁴⁵
2. L-aċċess imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi pprovdut b'mod iddeterminat mill-Istat Membru. L-Istat Membru għandu japplika l-oġġettivi ta' aċċess ġust, miftuħ u mhux diskriminatorju, filwaqt li jitqiesu:
 - (a) il-kapaċità tal-ħżin li hija jew li tista' raġonevolment tkun disponibbli fiż-żoni ddeterminati taħt l-Artikolu 4, u l-kapaċità tat-trasport li hija jew li tista' raġonevolment tkun disponibbli;
 - (b) il-proporzjon tal-obbligi ta' tnaqqis tas-CO₂ tiegħu skont strumenti legali internazzjonali u l-leġislazzjoni Komunitarja li għandu l-intenzjoni jissodisfa permezz tal-ġbir u l-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂,
 - (c) il-bżonn li jiġi rrifjutat l-aċċess fejn ikun hemm nuqqas ta' kompatibilità tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li ma jistgħux jingħelbu b'mod raġonevoli;

⁴⁵ DE/RO: tiżdied: "Għal dan il-għan, il-linji tal-pajpijiet li jeħtieġu permessi ġodda għandhom ikunu pjanati b'tali mod li jiżguraw li fil-prinċipju huma adatti biex jieħdu kwalunkwe nixxieġha tas-CO₂ ta' ċerta kwalità minima. L-istandard tal-kwalità għandu jiġi stabbilit permezz ta' proċedura ta' komitoloġija.". ES: miftuħa, tiffavorixxi b'mod ġenerali l-kopertura tat-trasport f'din id-Direttiva. Cion/DK/UK ma jappoġġawx dan is-suġġeriment li hija prematura. Pres tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan il-punt ser jiġi kkunsidrat mill-ġdid fil-qafas tar-reviżjoni (Artikolu 35a).

- (d) il-bżonn li jiġu rrispettati l-bżonnijiet raġonevoli debitament sostanzjati tas-sid jew tal-operatur tas-sit tal-ħżin jew tan-netwerk tat-trasport tas-CO₂ u l-interessi tal-utenti l-oħra kollha tal-ħżin jew tan-netwerk jew tal-faċilitajiet rilevanti tal-ipproċessar jew tal-ġarr li jistgħu jiġu affettwati.
3. L-operaturi tan-netwerk tat-trasport tas-CO₂ u l-operaturi tas-siti tal-ħżin jistgħu jirrifjutaw l-aċċess abbażi ta' nuqqas ta' kapaċità. Għandhom jingħataw raġunijiet debitament sostanzjati għal kwalunkwe rifjut.
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operatur li jirrifjuta l-aċċess abbażi ta' nuqqas ta' kapaċità jew nuqqas ta' konnessjoni jagħmel it-titjib meħtieġ sakemm ikun ekonomiku li jsir hekk jew meta klijent potenzjali jkun lest li jħallas għalihom, sakemm dan ma jkollux impatt negattiv fuq is-sigurtà ambjentali tat-trasport u l-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂.

Artikolu 21

Riżoluzzjoni ta' tilwim

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom arranġamenti ta' riżoluzzjoni tat-tilwim stabbiliti, inkluż awtorità indipendenti mill-partijiet b' aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha, sabiex tilwim relatat mal-aċċess għan-netwerks tat-trasport tas-CO₂ u għas-siti tal-ħżin jiġi riżolt malajr, filwaqt li jiġu meqjusa l-kriterji msemmijin fl-Artikolu 20(2) u n-numru ta' partijiet li jistgħu jkunu involuti fin-negozjar ta' dan l-aċċess.
2. F'każ ta' tilwim transkonfinali, għandhom jiġu applikat l-arranġamenti ta' riżoluzzjoni tat-tilwim tal-Istat Membru li jkollu ġurisdizzjoni fuq in-netwerk tat-trasport tas-CO₂ jew is-sit tal-ħżin li l-aċċess għalih ġie rrifjutat. Fejn, f' tilwim transkonfinali, aktar minn Stat Membru wieħed ikopri n-netwerk tat-trasport tas-CO₂ jew is-sit tal-ħżin kkonċernat, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw bil-għan li jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu applikati b' mod konsistenti.⁴⁶

⁴⁶ UK: tiżdied hawnhekk u fl-Artikolu 23 (fl-aħħar): "u b' mod konsistenti ma' ftehim internazzjonali.". Cion ma tappoġġax din iż-żieda.

KAPITOLU 6

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 22

Awtorità kompetenti

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jinnominaw l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jissodisfaw id-dmirijiet stabbiliti taħt din id-Direttiva. Fejn tiġi nnominata aktar minn awtorità kompetenti waħda, il-ħidma ta' dawn l-awtoritajiet magħmula skont din id-Direttiva għandha jiġi kkoordinata.

Artikolu 23

Kooperazzjoni transkonfinali

F'każijiet ta' transport transkonfinali tas-CO₂, siti tal-ħżin transkonfinali jew kumplessi tal-ħżin transkonfinali, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jilhqqu l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u ta' leġislazzjoni rilevanti oħra Komunitarja b'mod konġunt.

Artikolu 24

Reġistru ta' siti tal-ħżin

1. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi u żżomm:
 - (a) reġistru tal-permessi għall-ħżin mogħtija⁴⁷ u
 - (b) reġistru permanenti tas-siti tal-ħżin magħluqa kollha u tal-kumplessi tal-ħżin tal-madwar, inklużi mapep u taqsimiet li juru l-ispazju safejn dawn iwasslu⁴⁸ u informazzjoni disponibbli rilevanti biex jiġi vvalutat li s-CO₂ maħżun ser ikun miġbur kompletament u b'mod permanenti.

⁴⁷ HU: żieda ta' "u metodi ta' spezzjoni". Cion ma tappoġġax dan is-suġġeriment.

⁴⁸ Cion: titfassar il-bqija ta' din is-sentenza.

2. Ir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1(b) għandu jitqies mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-proċeduri ta' ppjanar rilevanti u meta jippermettu xi attività li tista' taffettwa lil jew tiġi affettwata mill-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ fis-siti tal-ħżin magħluqa.

Artikolu 25

Rappurtar mill-Istati Membri⁴⁹

1. Kull tliet snin l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva inkluż ir-reġistru msemmi fl-Artikolu 24(1)(b). L-ewwel rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2011. Ir-rapport għandu jitfassal abbażi ta' kwestjonarju jew deskrizzjoni ġenerali abbozzata mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE. Il-kwestjonarju jew id-deskrizzjoni ġenerali għandha tintbagħat lill-Istati Membri mill-inqas sitt xhur qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapport.
2. Il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 26

Pieni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali pprovduti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni mhux aktar tard mid-data speċifikata fl-Artikolu 36 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffetwahom.

⁴⁹ Cion: riżerva dwar it-test tal-Presidenza fl-Artikoli 25 u 35a, tippreferi l-proposta oriġinali tagħha.

Artikolu 27

Emendi tal-Annessi⁵⁰

Jistgħu jiġu adottati miżuri biex jiġu emendati l-Annessi. Dawk il-miżuri, imfasslin biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolamentarja bl-iskrutinju msemmija fl-Artikolu 28(2).

Artikolu 28

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu meqjusa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 ta' din.

⁵⁰ Cion: riżerva dwar it-test tal-Presidenza, iżżomm il-proposta oriġinali tagħha.

KAPITOLU 7

Emendi⁵¹

Artikolu 29

Emenda tad-Direttiva 85/337/KEE

Id-Direttiva 85/337/KEE hija emendata kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"16. Linji tal-pajpijiet b'dijametru ta' aktar minn 800 mm u tul ta' aktar minn 40 km:

- għat-trasport ta' gass, żejt, kimiki u
- għat-trasport ta' nixxiegħat tad-dijossidju tal-karbonju tfisser għall-finijiet ta' ħżin ġeoloġiku ⁵², inklużi l-istazzjonijiet tal-kompressjoni assoċjati."

(b) Il-punti 23 u 24 li ġejjin huma miżjuda:

"23. Siti tal-ħżin skont id-Direttiva XX/XX/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.(*)

⁵¹ EL tinnota li bosta emendi jimmiraw li jkopru l-ġbir u t-trasport, filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta huwa relatat biss mal-ħżin ġeoloġiku.

⁵² UK: ir-referenza għal stazzjonijiet tal-kompressjoni assoċjati hija bla bżonn, titħassar il-bqija ta' din is-sentenza.

24. Stallazzjonijiet għall-ġbir tan-nixxieġhat tas-CO₂ għall-finijiet tal-ħżin ġeoloġiku skont id-Direttiva XX/XX/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*) minn stallazzjonijiet koperti b'dan l-Anness, jew fejn il-ġbir totali annwali tas-CO₂ ikun 1.5 mega tunnelli u aktar.

(*) ĠU L..., ..., p. ...".

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt (j) li ġej jiżdied mal-punt 3:

"(j) Stallazzjonijiet għall-ġbir tan-nixxieġhat tas-CO₂ għall-finijiet tal-ħżin ġeoloġiku skont id-Direttiva XX/XX/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*) minn stallazzjonijiet mhux koperti mill-Anness I għal din id-Direttiva.

(b) *Il-punt (i) tal-punt 10* huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Stallazzjonijiet ta' linji tal-pajpijiet taż-żejt u tal-gassu linji tal-pajpijiet għat-trasport ta' nixxieġhat tad-dijossidju tal-karbonju għall-finijiet ta' ħżin ġeoloġiku (proġetti mhux inklużi fl-Anness I);

(*) ĠU L..., ..., p. ...".

Artikolu 30

*Emenda tad-Direttiva 96/61/KE **

Fil-Anness I għad-Direttiva 96/61/KEE, għandu jizjed il-punt 6.9:

"6.9 Il-ġbir tan-nixxieġhat tas-CO₂ minn stallazzjonijiet koperti minn din id-Direttiva għall-finijiet tal-ħżin ġeoloġiku skont id-Direttiva XX/XX/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. (*)

(*) ĠU L..., ..., p. ...".

Artikolu 31

Emenda tad-Direttiva 2000/60/KE

Fil-punt (j) tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, għandha tiddaħħal l-inċiżjoni li ġejja wara t-tielet inċiżjoni:

“- injezzjoni tan-nixxieġhat tad-dijossidu tal-karbonju għall-finijiet tal-ħżin f'formazzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali mhumiex adatti b'mod permanenti għal finijiet oħra⁵³, sakemm tali injezzjoni ssir [...] f'konformità mad-Direttiva XX/XX/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew eżentata mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva skont l-Artikolu 2(2) tagħha (*)

(*) ĠU L..., ..., p. ...".

* Ir-referenza għad-Direttiva IPPC ser tkun adattata meta ssir ir-reviżjoni legali/lingwistika tat-test.

⁵³ HU/RO: żieda ta' "li huma kkunsidrati bħala formazzjonijiet iżolati fir-rigward tal-migrazzjoni tas-CO₂". Cion ma tappoġġax dan is-suġġeriment.

Artikolu 32

Emenda għad-Direttiva 2001/80/KE

Fid-Direttiva 2001/80/KEE, jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

"Artikolu 9a⁵⁴

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-impjanti tal-kombustjoni kollha b'kapaċità elettrika stmata ta' 300 megawatt jew aktar li għalihom il-liċenzja oriġinali ta' kostruzzjoni jew, fin-nuqqas ta' tali proċedura, il-liċenzja oriġinali biex joperaw tingħata wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva XX/XX/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.(*), ikunu vvalutaw jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin humiex sodisfatti:
 - = [...] siti tal-ħżin adatti u faċilitajiet tat-trasport adatti huma disponibbli;
 - = [...] huwa teknikament fattibbli li jsir tagħmir ġdid wara għall-ġbir tas-CO₂ [...].
2. Jekk il-kondizzjonijiet fil-paragrafu 1 jiġu sodisfatti, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jiġihalla spazju adatt fuq is-sit tal-istallazzjoni għat-tagħmir meħtieġ għall-ġbir u l-kompressjoni tas-CO₂. L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina jekk il-kondizzjonijiet humiex sodisfatti abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u informazzjoni disponibbli oħra.

(*) ĠU L..., ..., p. ...".

⁵⁴ BE: limitu espress f'termini ta' emissjonijiet tas-CO₂ ikun aktar xieraq milli f'termini ta' kapaċità. PT/BG: miftuħa għal din il-proposta.
DE: impjanti ta' sħana u enerġija kombinati għandhom jiġu esklużi.

Artikolu 33

Emenda tad-Direttiva 2004/35/KE

Fl-Anness III għad-Direttiva 2004/35/KEE, għandu jiżdied il-paragrafu 14 li ġej:

"14. L-operat tas-siti tal-ħżin skont id-Direttiva XX/XX/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*)⁵⁵;

(*) ĠU L..., ..., p. ...".

Artikolu 34

Emenda tad-Direttiva 2006/12/KE

Il-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/12/KE jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) skariki ta' gassijiet mitfugħa fl-atmosfera u dijossidju tal-karbonju miġbur u ttrasportat għall-finijiet tal-ħżin ġeoloġiku u maħżun ġeoloġikament f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva XX/XX/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*) jew eżentat mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva skont l-Artikolu 2(2) tagħha;

(*) ĠU L..., ..., p. ...".

⁵⁵ DE: tiżdied "sakemm tiġi trasferita r-responsabbiltà lill-awtorità kompetenti.". RO tappoġġa dan is-suġġeriment. Cion: riżerva.

Artikolu 35

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006

Fl-Artikolu 1(3) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, jiżdied il-punt (h) li ġej:

"(h) vjaġġi ta' CO₂ għall-finijiet ta' ħżin ġeoloġiku f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva XX/XX/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.(*);

(*) ĠU L..., ..., p. ...".

KAPITOLU 8

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 35a

Reviżjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tittrasmetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien disa' xhur minn meta tirċievi r-rapporti msemmijin fl-Artikolu 25.
2. Ir-rapport li jintervjeni sa ...⁵⁶. il-Kummissjoni għandha tivvaluta, partikolarment:
 - jekk il-ġbir permanenti tas-CO₂ b'tali mod li jiġu prevenuti u mnaqqa kemm jista' jkun l-effetti negattivi fuq l-ambjent u kwalunkwe riskju li jirriżulta għas-saħħa tal-bniedem u s-sigurtà ambjentali u umana tas-CCS [...] għax muri b'mod suffiċjenti;
 - il-proċeduri rigward ir-reviżjonijiet tal-Kummissjoni tal-abbozzi tal-permessi għall-ħżin (Artikolu 10) u l-abbozzi tad-deċiżjonijiet dwar it-trasferiment tar-responsabbiltà (Artikolu 18);⁵⁷
 - l-esperjenza bid-dispożizzjonijiet dwar il-kriterji u l-proċedura għall-aċċettazzjoni ta' nixxieġha tas-CO₂ msemmija fl-Artikolu 12;
 - l-esperjenza bid-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-parti terzi msemmija fl-Artikoli 20 u 21 u bid-dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni transkonfinali skont l-Artikolu 23;
 - id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-impjanti ta' kombustjoni b'kapaċità elettrika stmata ta' 300 megawatt jew aktar imsemmija fl-Artikolu 32⁵⁸;

⁵⁶ Tiddaħħal id-data [30 ta' Ġunju 2015].

⁵⁷ UK/FI/SE/PL/FR/NL: jitħassar dan l-inċiż (f'konnessjoni mar-riżerva tagħhom dwar l-Artikoli 10 u 18).

⁵⁸ PL: tħassir ta' dan l-inċiż u żieda tal-possibbiltà li jiġi introdott l-obbligu li jkun hemm spazju adatt fuq is-sit taħt ċerti kondizzjonijiet (b'konnessjoni mat-tħassir mitlub tal-Artikolu 32).

- prospetti għall-ħżin ġeoloġiku tas-CO₂ fpajjizi terzi;
- aktar żvilupp u aġġornament tal-kriterji msemmija fl-Anness I u fl-Anness II.

59

u ser tippreżenta proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva jekk ikun hemm bżonn.

Artikolu 36

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [sena⁶⁰ wara l-pubblikazzjoni].⁶¹ Huma għandhom jinformaw immedjatament lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b' din ir-referenza meta jkunu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 37

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵⁹ IT: żieda ta' inċiż ġdid "żvilupp tan-netwerk tat-trasport tas-CO₂".

UK: żieda ta' "l-effiċjenza tal-proċeduri għal spezzjoni u monitoraġġ".

⁶⁰ UK/LT/IT/FI jippreferu 18-il xahar. EL/PT/BE/ES/RO/AT/SE/HU/NL/PL/LV/BG/SI/CZ jissuġġerixxu sentejn.

⁶¹ Cion: riżerva dwar it-test tal-Presidenza (tħassir tat-tabella ta' korrelazzjoni), iżżomm il-proposta oriġinali tagħha.

Artikolu 38

Destinatarji

Id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President
